MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 12a

29 ta' April 2025

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 12 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 29 ta' April 2025 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra s-Sinjura Rebecca Bartolo Cutajar u s-Sur Kurt Buttigieg li talbu li jiġu skużati.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

## Kondoljanzi

Is-Sindku G. Micallef aċċenna għall-mewt ta' omm il-Kunsilliera Rebecca Bartolo Cutajar – is-Sinjura Margaret Cutajar – li ġrat proprju f'din il-ġurnata filgħodu. Is-Sindku, il-Viċi Sindku flimkien mal-Kunsilliera bagħtu l-kondoljanzi tagħhom lis-Sinjura R. Bartolo Cutajar u l-familja tagħha kollha.

Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill osserva minuta silenzju.

Is-Sindku G. Micallef qal li malli sar jaf b'din l-aħbar, ra li ma kienx hemm lok li l-Kunsill jipproċedi bis-seduta bħala turija ta' rispett. Għaldaqstant intalab parir mingħand id-Direttur tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kif għandha titmexxa din il-laqgħa f'dawn iċ-ċirkostanzi.

Is-Sindku qal ukoll li flimkien mal-Kunsillier J. Buttigieg intlaħaq qbil li s-seduta tal-lejla għandha ssir fil-qosor u jkun hemm kontinwazzjoni tagħha l-ġimgħa d-dieħla.

Għaldaqstant is-Sindku talab li s-seduta tiġi sospiża u aġġornata. Il-Kunsillier J. Buttigieg issekonda din id-deċiżjoni.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 11 tal-24 ta' Marzu 2025 ser jiġu approvati waqt is-seduta li jmiss.

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fis-6.00pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 7 ta' Mejju 2025 fil-5:30 pm.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Marica Gambin
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**